MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 1200/1996/1

**MacPherson Mediterranean Limited**

**v.**

**J. Lautier Company Limited**

## I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell minn sentenza li kkononizzat lis-socjeta` Mac Pherson Mediterranean Limited (is-socjeta` attrici issa appellata) kreditrici tas-socjeta` J. Lautier Company Limited (is-socjeta` konvenuta/appellanti) fis-

somma ta’ Lm736.59, bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ merkanzija ordnata u kkonsenjata. L-istadji tal-*iter* processwali quddiem l-ewwel Qorti huma dawn:

IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI

2. B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-16 ta’ April 1996, is-socjeta` Mac Pherson Mediterranean Limited, wara li ppremmettiet li:

“Peress illi, s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata;

“Peress illi l-bilanc tal-prezz ghal din il-merkanzija jammonta ghal seba’ mija u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm736.59);

“Peress illi, avolja interpellata biex thallas, inkluza permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Frar 1996, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

”Peress illi, dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut kif is-socjeta` attrici tikkonferma permezz ta’ affidavit anness (Dok. A) ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u fil-fehma tas-socjeta` attrici is-socjeta konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet x’taghti;”

Talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

“1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ Lm736.59, bilanc minn somma akbar, prezz ta’ merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata;

“Bl-interessi legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 28 ta’ Frar 1996 kontra il-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu.”

<u>NOTA TA' ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>

3. Fl-udjenza tas-17 ta' April 1996 is-socjeta` konvenuta inghatat permess li tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, liema nota giet prezentata fit-30 ta' April 1996. Biha eccepiet:-

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta` eccipjenti mhix debitur tas-socjeta` attrici fl-ebda ammont.

"2. Illi inoltre, ghandhu jirrizulta li l-istess socjeta` eccipjenti hija kreditur tas-socjeta` attrici.

"3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

## II. IS-SENTENZA APPELLATA

4. L-ewwel Onorabbli Qorti wara li gabret il-provi u wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, iddecidiet il-kawza b'sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2002. Biha cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talbiet attrici billi kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm736.59 lill-attrici bhala bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata, flimkien ma' l-interessi legali mid-data tat-3 ta' Novembru 1993 sal effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Frar 1996 kontra s-socjeta` konvenuta.

Kopja shiha tas-sentenza msemmija ta' l-ewwel Qorti qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza sabiex tifforma parti integrali minnha billi dik is-sentenza tikkontjenti riassunt tal-provi saljenti akkwiziti fil-process, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti biex tasal ghall-konkluzjonijiet imsemmija taghha.

## III. L-APPELL

5. Il-kumpanija J. Lautier hassitha aggravata minn din is-sentenza u ghalhekk appellat minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appell ipprezentat fil-31 ta' Dicembru

2002. Fost ir-ragunijiet li semmiet f'dan ir-rikors, is-socjeta` appellanti allegat li l-ewwel Qorti naqset li taghmel apprezzament tal-principji legali applikabli ghall-fattispecie tal-kaz, meta sqarret illi l-arrangament li kien sehh bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta kien jikkonsisti f'transazzjoni li per lege jinhtieg li ssir bil-kitba. Hawnhekk, is-socjeta` konvenuta tghid fid-dettal f'hiex jikkonsisti l-aggravju taghha u filwaqt li taghmel riferenza ghal diversi xiehda moghtija tul il-kawza tghid li huwa car illi l-ewwel Qorti naqset li tapprezza li l-kaz in ezami kien wiehed ta' natura kummercjali fejn allura japplikaw il-principji msejjsa fuq uzanzi ta' kummerc. Is-socjeta` konvenuta tkompli billi ssemmi l-aspett l-iehor tad-decizjoni u cioe` dak li jirrigwarda t-tpacija. Is-socjeta` appellanti ghalhekk talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellat, tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

6. Is-socjeta` attrici appellata ikkontestat dan l-appell b'risposta pprezentata minnha fl-10 ta' Jannar 2003 li biha sostniet li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma fl-intier taghha. Fl-istess risposta hija tat ir-ragunijiet il-ghala l-appell interpost mis-socjeta` appellanti huwa infondat u ghalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tichad dan l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra is-socjeta` appellanti.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Din hija kawza dwar hlas ta' bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta` attrici Mac Pherson Mediterranean Limited lis-socjeta` konvenuta J. Lautier Company Limited. Fic-citazzjoni taghha s-socjeta` attrici qeghda tghid li wara li hija fornit il-merkanzija rikjesta mis-socjeta` konvenuta, din ta' l-ahhar ma hallsitiex il-bilanc ta' Lm736.59c. Min naha taghha, s-socjeta` konvenuta qed tirribatti li hija ma ghandha ebda debitu pendenti mas-socjeta` attrici, u li, ghal kuntrarju, jirrizulta li hija kreditrici tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta qeghda ssostni li hija kienet hallset ghall-merkanzija supplita lilha, li wara irrizulta li kienet difettuza. Is-socjeta` konvenuta allegat li

minhabba f'hekk, l-ammont ta' flus imhallas minnha kellu jigi pacut ma' merkanzija ohra li kellha tigi supplita lilha mis-socjeta` attrici (ara fol. 36 para. 11 affidavit ta' J. Lautier).

8. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-bejgh sar bejn iz-zewg socjetajiet skond l-*invoices* ipprezentati quddiema. L-ewwel Qorti rrilevat li s-socjeta` konvenuta ma ppruvatx li halset ghall-merkanzija meritu tal-kawza u li l-allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta kienet tirrigwarda merkanzija differenti. Fi kliem l-ewwel Qorti stess:
*"Illi mela dan in-nuqqas ta' prova ta' hlas, jimmilita` kontra t-tezi avvanzata mis-socjeta` konvenuta, pero` dan mhux biss ghaliex jidher ukoll li l-istess allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, fi kwalunkwe kaz mhux pruvati, qatt ma setghu reggu [recte: iregu] fil-kuntest tal-pretensjoni tas-socjeta` attrici, u dan semplicement ghall-fatt, li d-dati ma jinkwadrawx ruhhom fl-optika tal-azzjoni attrici.*

*"Illi infatti ma hemm l-ebda dubju li l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici jirreferu ghall-invoice datata 3 ta' Novembru 1993 u dan kif jidher mid-dokument esebit a fol.8 tal-process, liema dokument qatt u fl-ebda stadju tal-kawza ma gie kkontestat mis-socjeta` konvenuta. Illi tenut kont tal-istess data tat-3 ta' Novembru 1993, jirrizulta li l-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta dwar l-allegat xoghol difettuz spedit lilha mis-socjeta` attrici jirrisalu ghal data qabel l-imsemmija data tal-invoice...."* (fol 149/150)

9. Is-socjeta` attrici pprezentat *invoice* datata 3 ta' Novembru 1993, li minnha jidher li s-socjeta` konvenuta J. Lautier Co. Ltd. hija debitrici taghha ghall-amont ta' Lm736.59. Huwa rilevanti l-fatt li din l-invoice hekk datata, qatt ma giet ikkontestata mis-socjeta` konvenuta. L-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta dwar xoghol difettuz fornit lilha mis-socjeta` attrici jirrisalu ghal data <u>qabel</u> l-imsemmija invoice. Jirrizulta mill-affidavit ta' Joseph Lautier li fis-26 ta' Ottubru 1993 marru fl-imhazen tas-socjeta` konvenuta Philip T. Marsden, bhala rapresentant tal-kumpanija estera Vallance & Co. Ltd., fornitrici tas-socjeta` attrici, u Michael Attard, li dak iz-

zmien kien technical manager tas-socjeta` attrici, biex jivverifikaw il-materjal allegatament difettuz. Barra minnhekk, is-socjeta konvenuta pprezentat ittra mibghuta lilha mill-istess Philip T. Marsden datata 28 ta' Ottubru 1993 (Dok A a fol. 38) li biha dan ikkonferma dak li kienu ftehmu fuqu fil-laqgha ta' jumejn qabel. Jirrizulta ghalhekk li l-merkanzija difettuza li qed tirreferi ghaliha s-socjeta` konvenuta kienet inxtrat ferm qabel id-data ta' l-*invoice* mertu ta' din il-kawza.

10. L-appellanti qed tilmenta li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx l-apprezzament mehtieg lill-fatt li l-kaz in ezami kien wiehed ta' natura kummercjali fejn allura japplikaw principji msejjsa fuq uzanzi ta' kummerc. Is-socjeta` appellanti tkompli tghid li mill-provi prodotti kellu jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet giet fornuta mis-socjeta` attrici bi prodott difettuz li ghalih l-istess socjeta` konvenuta kienet hallset. Din il-Qorti tinnota li s-socjeta` konvenuta ghandha ragun meta tghid li *"dan id-difett kien gie effettivament rikonoxxut mis-socjeta` attrici kif jirrizulta kemm mill-provi dokumentali kif ukoll mill-provi testimonjali..."* (fol. 161); minkejja dan, bhalma diga` gie nnotat, l-istess socjeta` konvenuta qatt ma pprezentat dokumentazzjoni dwar l-hlas li qed jghidu li ghamlu fuq il-merkanzija mertu ta' din il-kawza. Tallega wkoll li l-merkanzija meritu tal-kawza kienet giet ikkonsenjata lilha biex taghmel tajjeb ghall-valur tal-merkanzija difettuza mibjughha lilha.

11. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-fatt li skond l-eccezzjonijiet, dikjarazzjoni u provi tas-socjeta` konvenuta, l-istess socjeta` qeghda ssostni li kienet lahqet xi forma ta' transazzjoni bejn il-partijiet. L-ewwel Qorti tghid li apparti l-fatt li dan ma giex ippruvat, xorta jibqa' l-fatt li transazzjoni ai termini tal-artikolu **1233(1)(d) tal-Kap. 16** ma hijiex valida jekk ma ssirx bil-miktub. L-ewwel Qorti tghid hekk:
*"Illi fil-kuntest tal-istess ma hemmx dubju li trattandosi ta' transazzjoni dwar beni mobbli, n-necessita` ta' skrittura privata hija rikjesta 'ad validatem', kif hemm provdut fl-artikolu 1233(1)(d) tal-Kap 16, tant li l-istess artikolu*

*jiddisponi li tali kuntratti "taht piena ta' nullita`" ghandhom isiru almenu b'kitba privata."* (fol. 153)

12. Is-socjeta` appellanti tikkritika din il-parti tas-sentenza appellata hekk:
*"Dan l-arrangament kummercjali ma kienx ghajr arrangament ta' negozju komuni hafna fl-isfera tal-kummerc bejn intraprizi li jaghmlu negozju ma' xulxin. Kienet skoretta l-ewwel Onorabbli Qorti li tinterpreta dan l-arrangament ta' indoli kummercjali u marbut ma rimpjazzar ta' merkanzija ritenuta difettuza b'merkanzija ohra mhux difettuza, bhala transazzjoni fis-sens tal-ligi."* (fol. 162)

13. Din il-Qorti ma tistax taccetta dana l-aggravju tas-socjeta` appellanti ghaliex mhux biss hija ma ressqet ebda prova dwar l-uzu kummercjali allegat minnha, izda wkoll naqset li tipprova sodisfacentement l-arrangament allegat minnha u li necessarjament jikkwalifika bhala ftehim ta' indole ta' transazzjoni <u>bejna u bejn is-socjeta` appellata</u> . Ghalhekk, dwar dan it-tip ta' ftehim l-ewwel Onorabbli Qorti tat deskrizzjoni ampja dwar ir-rekwiziti ta' transazzjoni - sew meta citat gurisprudenza tal-Qrati taghha kif ukoll meta kkwotat lil **Alberto Trabucchi** li sahaq li:-:
*"la transazione infine e` il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite gia` cominciata o prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni.... La transazione no puo` essere provata con testimoni; richiede la prova scritta."* (fol. 155)

14. Ghalhekk din il-Qorti tirrileva li li mhux biss is-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova sodisfacenti dwar xi forma ta' tranzazzjoni <u>bejna u bejn is-socjeta` attrici</u>, izda wkoll fl-ipotesi li kien jezisti xi tip ta' arrangament bejn il-kontendenti, ma tistax tissusisti ghax tonqos il-forma skritta li hija mehtiega *"ad validitatem"*.

15. Ghall-kompletezza, ghandu jigi rilevat li l-arrangament propost fl-ittra tat-28 ta' Ottubru 1993 (ara fol. 38 u 39) sar mid-ditta estera Valance & Co. Ltd. Interalia Philip T. Marsden jghid hekk:

"*I look forward to receiving your order instructions and can confirm that on your first container order, included will be 950 cartridges of acrylic frame sealant white free of charge in compensation for those cartridges which I inspected, and confirmed the material therein to be stiff. I look forward to meeting you once again when I visit Malta in about six to eight months time.*

"*I sincerely hope that we can build a mutually beneficial trading relationship between our two Companies dealing on a direct basis.*" (fol. 39).

16. It tieni u l-ahhar ilment tas-socjeta` konvenuta jirrigwarda il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti dwar l-allegata tpacija. Dwar dan l-aspett, dik il-Qorti ikkummentat hekk:

*".... jirrizulta li l-ilmenti tas-socjeta` konvenuta ma jistghu qatt iwasslu sabiex tigi accettata l-eccezzjoni ta' tpacija, ghaliex f'dan il-kaz mhux qed jigu kkunsidrati krediti tal-partijiet rispettivi, li huma certi, likwidi, u dovuti bejniethom, izda in verita` dak li s-socjeta` konvenuta qed tipproponi bhala tpacija huwa biss pretensjoni u vantazzjoni min-naha taghha dwar allegata fornitura ta' merkanzija difettuza li ma setghetx issehh ipso jure, izda biss bi ftehim u koncessjoni mis-socjeta` attrici, li setghet biss waslet ghall-kuncett ta' transazzjoni, u xejn izjed, liema transazzjoni, kif gia gie indikat, ma jistax jinghad li tissussisti f'dan il-kaz, anke ghaliex lanqas il-forma skritta 'ad validitatem' ma tezisti."* (fol. 157)

17. Is-socjeta` konvenuta qeghda ssostni li una volta jigi accettat li l-merkanzija li ghaliha qed jintalab il-prezz fic-citazzjoni odjerna, kienet fornita, skond il-ftehim bejn il-partijiet, bhala arrangament ta' rimpjazzar ta' merkanzija, u skond is-socjeta` appellanti dan gie ikkonfermat mill-provi prodotti, allura *"ma hemmx lok li wiehed japplika l-principji ta' tpaccija ghad illi f'ebda mument ma kien hemm sitwazzjoni fejn is-socjeta` konvenuta kienet debitur tas-socjeta` attrici – il-merkanzija li ghaliha qed jintalab il-prezz giet mghoddija in kontrokambju ta' merkanzija rikonoxxuta bhala difettuza – u lanqas ma kien hemm*

*mument fejn is-socjeta konvenuta ma kienet kreditur tas-socjeta` attrici – il-merkanzija giet rimpjazzata b'merkanzija ohra ta' valur biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas fil-kwalita`."* (fol. 163)

18. Is-socjeta` appellata rribattiet li kienet is-socjeta` konvenuta stess li ssollevat id-difiza tat-transazzjoni u tat-tpacija. Ziedet tghid: *"Illi l-istess jinghad a rigward it-tieni aggravju dwar it-tpacija. Dan ukoll tqajjem mill-istess socjeta` appellanti, u kwindi gie debitament ikkunsidrat u deciz mill-ewwel Qorti. Wiehed jistaqsi b'liema ragunament is-socjeta` appellanti, wara illi qajmet punt legali in difesa, issa donna tippretendi li ma jigix deciz!"* (fol. 167) A skans ta' ripetizzjoni tal-konsiderazzjonijiet moghtija mill-ewwel Qorti dwar dan l-aspett, li l-Qorti taqbel maghhom, din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tkompli telabora fuq dan il-punt u qeghda ghalhekk taghmel taghha il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

19. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi l-appell intavolat mis-socjeta` konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li anke l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mis-socjeta` appellanti.

Deputat Registratur
df

## **Appendici**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2002, fl-ismijiet Mac Pherson Mediterranean Limited v. J. Lautier Company

Limited, qeghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------